**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 24 ta` Jannar 2019**

**Kawza Nru. 1**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Numru 6/19JZM fl-ismijiet :**

**Joseph Deguara, iben Richard u Catherine nee Zammit, imwieled il-Pieta` nhar il-hamsa (5) ta` Gunju tas-sena elf disgha mija u erbgha u sebghin (1974) detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 0304974(M) u residenti 98, Orange Blossom, Triq San Frangisk Saverju, Birzebbugia**

***kontra***

**Marco Deguara (detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 6421A), iben Richard u Catherine nee Zammit, imwieled Park Royal go Brent go l-Ingilterra u residenti Birzebbugia u Romina Deguara, bint Joseph Grima u Liliana nee Attard imwielda l-Birgu u residenti Birzebbugia (detentrici tal-karta ta` l-identita` bin-numru 535473M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezenta Joseph Deguara fit-8 ta` Jannar 2019.

Rat id-dokumenti li kienu annessi.

Rat it-talba li ghamel fl-istess rikors.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta` Jannar 2019, fejn laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-mandat, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati b`ghaxart ijiem ghar-risposta, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal lum 24 ta` Jannar 2019 fid-09.30am.

Rat illi l-intimati ghalkemm debitament notifikati bl-atti, kif jirrizulta miz-zewg referti a fol 4 tal-process, ma pprezentawx risposta.

Rat l-Art. 874 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Peress illi huma ppruvati ghas-sodisfazzjon tal-Qorti r-rekwiziti kollha rikjesti minn din id-disposizzjoni sabiex il-mandat ikun jista' jinhareg.

**Ghaldaqstant qeghda tilqa` t-talba u tordna l-hrug tal-mandat tal-inibizzjoni kontra l-intimati sabiex la jbieghu, inehhu, jitrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta` u b`mod partikolari l-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) formanti parti minn blokk bin-numru ufficjali tlieta u tmenin (83) u jgib l-isem 'Abalone' fi Triq l-Ghannejja l-Qajjenza fil-limiti ta` Birzebbuga konfinanti l-blokk u l-appartament mil-Lvant mat-triq imsemmija, mit-tramuntana ma` beni tal-familja Cassar Desain u minn Nofsinhar ma` beni ta` Marco Grech, jew irjieh verjuri, inkluza l-arja tal-istess appartament u nofs indiviz tal-entrata, tat-tarag, u tat-tromba tat-tarag tal-istess blokk.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex joqghod ma` dak li jrid minnu l-Art 874(3) tal-Kap. 12.**

**L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu li diga` hemm pendenti bejn il-partijiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**